# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

### Seduta tat-tlieta 21 ta' Novembru, 2000 .

**Avviz numru : 29/00GT(GM)**

**Carmel Micallef .**
**Vs**
**Francis Azzopardi .**

**It-Tribunal ;**

**Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut ta' tnejn u disghin lira maltin (LM92) rapprezentanti danni kawzati minn incident awtomobilistiku kif spjegat dettaljatament fl-istess avviz .**

**Ra r-risposta tal-konvenut ;**

**Dwar l-eccezzjoni preliminari li l-avviz huwa null peress li ma fihx talba biex il-konvenut jigi dikjarat responsabbli ghall-incident, huwa ovvju li din it-talba hija kompriza u involuta fit-talba ahharija ghad-danni kif ukoll fil-korp tal-avviz fejn hemm premess li l-incident gara unikament tort tal-konvenut . Di piu', il-gurisprudenza Maltija stabbiliet - u dan b'referenza ghac-citazzjonijiet quddiem il-Qrati Superjuri - li ma hemm l-ebda forma sagra dwar kif ghandha tigi ifformolata t-talba diment li jkun car x'wiehed qieghed jitlob . *Multo magis* dan ghandu japplika ghall-proceduri quddiem dan it-Tribunal li huma ta' natura strettament sommarja - u dan it-Tribunal kif prezentement kostitwit jiddikjara li bi hsiebu jittutela *ad unguem* din in-natura - u ghalhekk ghandhom jimxu, biex wiehed jissellef frazi mirifici mill-Kodici De Rohan (1), *sine strepitu et figura iudicii;* ghaldaqstant dan it-Tribunal jiehu din l-okkazjoni biex iwissi li eccezzjonijiet simili jistghu jigu fil-futur penalizzati billi huma frivoli u vessatorji intizi biex ixekklu l-ispeditezza tal-proceduri ;**

**Semgha l-provi .**

---

**(1) Libro Sesto, Capo Primo Art. I.**

**Ikkunsidra ;**

**Illi jirrizulta li meta sehh l-incident l-attur kien isuq fi Triq l-Gharb fid-direzzjoni ta' Victoria, Ghawdex filwaqt illi l-konvenut kien gej mid-direzzjoni opposta fl-istess triq . Il-habta sehhet hekk kif l-attur hareg mill-akkwedott li hemm fl-istess triq . Il-bumper ta' quddiem tax-xarabank laqat il-mudguard ta' wara tal-vettura tal-attur; ix-xarabank habat mal-genb tal-akwedott tant li halla xi marki mal-hajt tieghu . Ix-xarabank ma waqafx minkejja li hemm *give-way sign* fuq in-naha tieghu tal-akwedott favur il-vetturi li bhal dik tal-attur ikunu gejjin mid-direzzjoni opposta tal-istess triq . Ghalkemm dak il-hin tax-xarabank ammetta t-tort iktar tard, moghti l-kont, ma hallasx .**

**Illi l-attur wara talba mit-Tribunal esebixxa ricevuta fiskali fl-ammont ta' tmenin lira maltin (LM80) (*vat exempt)* ghalkemm xehed li l-kont gie tmenin lira maltin (LM80) u bil-VAT jigi tnejn u disghin lira maltin (LM92) ;**

**Illi l-attur ma talabx imghax u l-anqas hemm talba espressa ghall-ispejjez izda dawn tal-ahhar skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jitqiesu li dejjem jigu mitluba nonostante li ma jkunux mitluba espressament ;**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza u konsegwentement jilqa' t-talba tal-attur ghall-hlas tad-danni izda limitatament ghas-somma ta' tmenin lira maltin (LM80) bl-ispejjez .**

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S2900GtGm
513